MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 242/2003

**Raymond Bugeja**

**vs**

**Doreen Bugeja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Marzu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Gunju 1998 u dan kif jirrizulta mill-anness Dokument "A".

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minhabba mohqrija, sevizzi, eccessi, swat, ingurji gravi u theddid *da parte* tal-konvenuta.

Illi minn dan iz-zwieg twieledet tifla Nicole ta’ tliet (3) snin kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid immarkat bhala Dokument “B”.

Illi dina l-kawza ta’ separazzjoni personali giet awtorizzata mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kif jirrizulta mill-anness digriet esebit bhala Dokument “C”.

Illi l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Takkordalu l-kura u l-kustodja tal-minuri Nicole u fin-nuqqas takkorda l-kura l-kustodja lill-genituri tieghu.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’zewg porzjonijiet *applicando* kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-Ligi u tassenja wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta bin-nomina *occorrendo* ta’ perit biex jaghmel l-isemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u *occorrendo* n-nomna ta’ nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, l-oggetti parafernali nkluzi flus u fin-nuqqas tigi kkundannata thallas lill-attur l-valur taghhom kif jigi likwidat, *occorrendo* permezz ta’ perit nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 9 tal-process;

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fid-9 ta' April 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur sittin (60) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat id-digriet nota guramentata moghti wkoll lill-attur fid-9 ta' April 2003 fejn gie mitlub jelenka fil-qasir il-pretensjonijiet tieghu, bin-notifika lil kontro-parti li wkoll permezz ta' nota guramentata ghandha tindika fejn ma taqbilx.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2003 fejn gie pprezentat iz-zmien ghall prezentata tal-affidavits attrici u fejn giet awtorizzata li ssir n-notifika a bazi ta' **artikolu 187 (3) tal-Kap 12** f'gazzetta lokali wahda.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 28 ta' Novembru u d-digriet datat 2 ta' Dicembru 2003.

Rat in-nota ta' l-attur datata 28 ta' Novembru 2003 fejn gie esebiet l-affidavit tieghu datat 19 ta' Novembru 2003.

Rat l-affissjoni, u l-pubblikazzjonijiet fil-gazzetta tal-gvern u fil-gazzetta lokali u li l-konvenuta ma pprezentat l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u lanqas dehret fil-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' April 2004 fejn il-konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma' dehritx, u l-istess Dr. Greta Mifsud Agius ghall-attur prezenti ddikjarat li komunjoni ta' l-akkwisti ma' hemm xejn u li l-minuri jghix mal-genituri ta' l-attur u l-konvenuta qatt ma gietx jew talbet ghall-access ta' l-istess minuri, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-24 ta' Gunju 2004.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn il-konvenuta baqghet kontumaci u bhala provi ngabet biss ix-xhieda tal-attur bil-procedura tal-affidavits, apparti dokumenti esebiti.

Illi mill-ftit provi prodotti, izda li ma humiex kontestati jirrizulta li z-zwieg sfaxxa ghaliex iz-zewg partijiet kienu t-tnejn jiehdu d-droga. Jidher li l-konvenuta hadet id-droga anke wara li welldet it-tarbija ta' bejniethom. Ippruvaw jaghmlu programm ghar-rijabilitazzjoni mid-droga u l-kura u l-kustodja nghatat b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili lill-genituri ta' l-attur; jirrizulta li l-istess konvenuta ma'baqghetx tara lill-minuri u li din kellha relazzjoni extra maritali. L-attur jghid li ghadu ghaddej bi programm ta' riabilitazzjoni u jghix mal-Kommunita' ta' Santa Marija, ma jahdimx u jghix bir-*relief*. Komunjoni ta' l-akkwisti ma' jidher li hemm xejn.

Illi din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg tkisser minhabba proprju dan il-vizzju ta' droga miz-zewg partijiet u jidher li t-tnejn ghandhom jigu mizmuma li huma responsabbli ghall-istess tkissir taz-zwieg minhabba eccessi u mohqrija, u ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Nicole l-istess ghandha tigi fdata f'idejn in-nanniet paterni taghha Joseph u Annie konjugi Bugeja bi dritt ta' access lill-attur fil-prezenza ta' l-istess genituri tieghu.

Illi dwar komunjoni tal-akkwisti din ghandha tigi ddikjarata b'effett mid-data tal-10 ta' Settembru 2001 filwaqt li jigi ddikjarat li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur u allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

Illi dwar il-beni parafernali ma ngabet l-ebda prova fil-grad rikjest mill-ligi sabiex ir-raba' talba tigi milqugha, u fil-fatt l-istess talba qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, u filwaqt li **tichad ir-raba' talba attrici, tilqa' t-talbiet l-ohra kollha attrici** dan biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Bugeja b'dan li t-tnejn ghandhom jigu mizmuma li huma responsabbli ghall-istess tkissir taz-zwieg minhabba eccessi u mohqrija, u ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet minhabba li tali agir taz-zewg partijiet, anke minhabba l-vizzju tad-droga, irrenda l-hajja konjugali mpossibbli b'dan li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

(2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Nicole Bugeja f'idejn in-nanniet paterni taghha Joseph u Annie konjugi Bugeja, bi dritt ta' access lill-attur fil-prezenza ta' l-istess genituri tieghu.

(3) Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u dan b'effett mid-data tal-10 ta' Settembru 2001 filwaqt li jigi ddikjarat li l-istess komunjoni ta' l-akkwisti ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur u allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, b'dan li ghandhom jigu applikati fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kodici Civili**.

(4) Tichad din it-talba *stante* li ma jirrizultax mill-provi li l-konvenuta ghandha fil-pussess taghha xi beni parafernali ta' l-attur.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------